# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2020**

**Numru 6**

**Rikors numru 699/06 SM**

**Simon Despott**

**v.**

**Corinthia Palace Hotel Company Limited (C-257) u kif ukoll Patrick Busuttil f'isem u fl-interess ta' Flight Catering Company Limited (C-24720) u Corinthia Group of Companies, ghal kull interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' April, 2015 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u ċaħdet it-talbiet attriċi;

2. Fl-att li bih fetaħ il-kawża, l-attur talab li l-ewwel Qorti ssib li l-konvenuti jaħtu għad-debilita` permanenti li ġarrab waqt u minħabba l-qadi tax-xogħol tiegħu magħhom, jew ma' min minnhom; tillikwida d-danni mġarrba minnu u tikkundannahom iħallsuh id-danni hekk likwidati. Talab wkoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

3. Għal dik l-azzjoni l-konvenuti laqgħu billi ċaħdu kull responsabbilita` għad-diżabilita` li l-attur jgħid li ġarrab. Jgħidu wkoll li mhux minnu li l-attur ġarrab danni minħabba xi nuqqas li ġej min-naħa tagħhom. Qajmu wkoll xi eċċezzjonijiet preliminari dwar is-siwi tal-att li bih infetħet il-kawża u dwar min kien il-kontradittur leġittimu tal-istess azzjoni attriċi;

4. Illi biex waslet għall-imsemmija deċiżjoni tas-16 ta' April, 2015, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> *"15.0. Illi skont ir-rikorrenti, il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:*
>
> *"15.1. Illi originarjament ir-rikorrenti beda jahdem mas-socjeta` Corinthia Flight Catering fis-6 ta' Gunju, 1990, bhala impjegat kazwali ghas-sajf, (ara foll 69, 137 u 237);*
>
> *"15.2. Illi fl-1991, l-istess rikorrenti gie impjegat b'mod permanenti ma' l-istess socjeta`, (ara foll 137);*
>
> *"15.3. Illi fl-1992 kien imlahhaq fil-grad ta' "Leading Hand" wara applikazzjoni appozita, (ara foll 137);*

*"15.4. Illi fl-1993 kien ukoll imlahhaq "senior Leading Hand", (ara foll 137);*

*"15.5. Illi fl-ahhar ta' Frar tal-1998 ir-rikorrenti sofra minn ugiegh kbir f'dahru u kien kostrett jibqa` tlett (3) xhur bis-"sick leave", (ara foll 137), u konsegwenza tal-istess, l-ahhar xahar ghamlu minghajr paga, (ara foll 137);*

*"15.6. Illi f'Gunju tal-1998 rega` irritorna ghax-xoghol ghalkemm kien ghadu jattendi l-isptar ghal xi testijiet medici, (ara foll 137);*

*"15.7. Illi f'dan il-perjodu l-impjieg tar-rikorrenti kien jikkonsisti fis-segwenti: (ara foll 137)*

*"15.7.1. Kien kostrett jitla` u jinzel diversi turgien t'ajruplani;*
*"15.7.2. Kien ikollu jerfa` affarijiet tqal;*
*"15.7.3. Kien jaghmel dan ix-xoghol minghajr apparat adegwat;*
*"15.7.4. Kien jipprepara "dak kollu li jkollu bzonn l-ajruplan qabel it-titjira";*
*"15.7.5. Kien kostrett jidhol u johrog minn "fridge" kbira li kellha temperatura ta' erbgha (4) gradi celcius, u minn ohra li kellha temperatura ta' minus ghoxrin (-20) grad, liema temperaturi kienu hafna drabi jikkontrastaw bi kbir mat-temperatura esterna;*

*"15.8. Illi l-istess rikorrenti jsostni li qatt ma nghata tahrig fir-rigward, (ara foll 137);*

*"15.9. Illi jsostni wkoll li qatt ma nghata ilbies protettiv biex jidhol fil-"freezers" in dizamina, (ara foll 137);*

*"15.10. Illi kull ma kien inghata kien l-uzu ta' gakketta tal-canvas li kienet ghall-uzu komuni tal-haddiema kollha li kienu jidhlu fl-istess "freezer", (ara foll 138);*

*"15.11. Illi l-imsemmi rikorrenti jsostni li l-istess gakketta fuq riferita ma kienet ta' ebda uzu kontra l-bard u kienet aktar izzomm kesha milli tippreveniha, (ara foll 138);*

*"15.12. Illi wara li r-rikorrenti kien inoltra ilment fir-rigward ma' l-Ufficjali responsabbli mis-sahha u mis-sigurta`, ingieb ilbies appozitu – fosthom balaclava u overall suit, u dan, ghal kull impjegat, (ara foll 138);*

*"15.13. Illi r-rikorrenti jilmenta wkoll mill-fatt li ma kienx jinghata "rest periods" necessarji, (ara foll 138);*

*"15.14. Illi fiz-17 ta' Mejju, 2002, ir-rikorrenti ddahhal l-isptar fejn gie operat, (ara foll 138), konsegwenza tal-fatt li kien jerfa` affarijiet tqal;*

*"15.15. Illi seba` (7) gimghat wara l-imsemmija operazzjoni, r-rikorrenti kien medikament iccertifikat li kien idoneu ghax-xoghol;*

*“15.16. Illi fit-18 ta’ Lulju, 2002, rega` kien kostrett jidhol l-isptar imhabba ugiegh kbir f’dahru, fejn dam rikoverat ghal ghaxart (10) ijiem, (ara foll 138);*

*“15.17. Illi rrizulta li kien qed isofri minn “Chronic Neuropatic Pain Syndrone” f’dahru u fis-sistema nervuza centrali (ara foll 138);*

*“15.18. Illi l-General Manager involut jidher li offra elf Lira Maltija, (Lm1,000.00), lir-rikorrenti biex jirrizenja mill-impjieg, liema offerta giet rifjutata, (ara foll 138), anke wara li zdiedet b’mitejn Lira Maltin, (Lm200.00) ohra, (ara foll 138);*
*“15.19. Illi r-rikorrenti jsostni li informa lill-General Manager involut li xtaqt jigi assenjat xoghol iehor, (ara foll 139);*

*“15.20. Illi din it-talba ma gietx milqugha, (ara foll 139);*

*“15.21. Illi l-kundizzjoni f’dahar ir-rikorrenti baqghet tmur ghall-ghar, (ara foll 139);*

*“15.22. Illi l-paga tar-rikorrenti twaqqfet fis-26 t’Ottubru, 2002, (ara foll 139);*

*“15.23. Illi wara li kellem ir-rapprezentant tradejunjonistiku tieghu, kien infurmat li s-socjeta` li kienet timpjegah kienet ser ittieh elfejn w erba` mitt Lira Maltin (Lm2,400.00), biex jirrizenja, (ara foll 139);*

*“15.24. Illi anke din l-offerta giet rifjutata mir-rikorrenti, (ara foll 139);*

*“15.25. Illi fit-18 ta’ Dicembru, 2002, intemm ufficjalment l-impjieg tar-rikorrenti minn mas-socjeta` de quo, (ara foll 139), u anke intalab jirritorna l-oggetti tal-kumpanija li hu kien ghad kellu ghandu, (ara foll 139);*

*“15.26. Illi fl-2003 ir-rikorrenti kien certifikat bhala invalidu, (ara foll 139);*

*“15.27. Illi rizultat tal-istess jirrizulta li r-rikorrenti jitla` bord kull tlett (3) snin biex jigi cerfitkat li ghadu f’kundizzjoni li ma jistax jahdem, (ara foll 139);*

*“15.28. Illi skont l-espert mediku ex parte prodott mir-rikorrenti, l-istess rikorrenti gie certifikat li qed ibati minn dizabilita` permanenti ta’ hamsa u hamsin fil-mija, (55%), (ara foll 220);*

*“15.29. Illi di piu`, rizultat tal-istess, ir-rikorrenti jqatta` l-hin kollu tieghu d-dar, (ara foll 220);*

*“15.30. Illi s-somma komplessiva f’danni li rizultat tas-suespost ir-rikorrenti qieghed jitlob tammonta ghal mija u tnejn u disghin elf u hames mitt Ewro, (€192,500.00), (ara foll 372);*

*“Ikkunsidrat:*

*“16.0. Illi skont l-intimati l-fatti in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:*

*“16.1. Illi s-socjeta` involuta fil-mertu in dizamina hi s-socjeta` Flight Catering Company Limited, (ara foll 346);*

*“16.2. Illi din is-socjeta` kienet tipprepara, issajjar u tippakkja l-ikel uzat fuq l-ajruplani fil-kcina taghha u wara dan kien jitpogga fil-friza (ara foll 346);*

*“16.3. Illi finalment ix-xoghol ippreparat kien jintbghat fuq l-ajruplani, (ara foll 348);*

*“16.4. Illi x-xoghol hekk ippreparat kien qabel jinzamm f’temperatura ta’ tmintax-il (18) grad Celcius, u f’“chillers” fejn it-temperatura kienet t’erbgha (4) gradi Celcius, skont il-kaz, (ara foll 347);*

*“16.5. Illi kien hemm ukoll area precedenti fejn it-temperatura kienet tkun ftit anqas, (ara foll 347);*

*“16.6. Illi bhala protezzjoni ghall-impjegati li kien ikollhom jidhlu fl-imsemmija freezers is-socjeta` fuq riferita kienet tipprovdi kowtijiet adegwati li kienu wkoll jinkludu protezzjoni ghar-ras, (ara foll 347);*

*“16.7. Illi dawn il-kowtijiet kienu jinghataw il-kura u l-attenzjoni dovuta, (ara foll 347);*

*“16.8. Illi r-rikorrenti kien responsabbli ghal bejn hmistax (15) u ghoxrin (20) impjegat li lkoll kellhom l-istess responsabbiltajiet, fosthom anke li jittrasportaw l-ikel minn gol-friza, (ara foll 347);*

*“16.9. Illi f’daqqa wahda r-rikorrenti beda jilmenta minn xi ugiegh f’ghonqu u fl-ispalla, u nghata s-“sick leave”, (ara foll 348);*

*“16.10. Illi wara li r-rikorrenti ha madwar disgha (9) xhur “sick leave”, is-socjeta` li kienet timpjegah kienet kostretta tittermina l-impjieg tieghu, (ara foll 348);*

*“16.11. Illi fil-frattemp l-istess socjeta` rceviet informazzjoni li meta r-rikorrenti kien bis-”sick leave”, hu kien qed imur bid-dghajsa jistad, (ara foll 348);*

*“16.12. Illi rigward kwistjonijiet ta’ sahha u sigurta` fuq il-post tax-xoghol fejn kien impjegat ir-rikorrenti, jirrizulta li saret investigazzjoni fir-rigward, u fir-rapport konsegwenzjalment ghall-istess, hadd ma rrapporta irregolaritajiet, (ara foll 348);*

*"Ikkunsidrat:*

*"17.0. Illi rigward l-informazzjoni li s-socjeta` de quo irceviet fuq ir-rikorrenti li waqt il-perjodu estremament twil tas-"sick leave" mehud mir-rikorrenti hu kien effettivament qieghed imur ghas-sajd b'xi dghajsa tieghu, jinghad sintetikament is-segwenti:*

*"17.1. Illi f'sit socjali fuq l-internet maghruf bhala "Hi5" instab profil appartenenti lir-rikorrenti, (ara foll 239);*

*"17.2. Illi f'dan il-profil, li partijiet minnu gie pprezentat in atti, (ara foll 242 sa 344), jirrizulta li waqt li r-rikorrenti kien:*
*"17.2.1. Bis-"sick leave"*
*"17.2.2. Qieghed "il-hin kollu d-dar", (ara foll 220), u*
*"17.2.3. Ibghati b'dizabilita` permanenti ta' hamsa u hamsin fil-mija, (55%), (ara foll 220), kien jidher li din kienet kollha messainscena;*
*"17.3. Illi f'dan il-profil f'dan l-istess perjodu ta' sofferenza kbira, l-istess rikorrenti jidher:*
*"17.3.1. Imsiefer jiddeverti fl-Olanda, (ara foll 346 u 347);*
*"17.3.2. F'Lampedusa jaghmel erbat ijiem sajd minn fuq dghajsa, (ara foll 255);*
*"17.3.3. Jinforma lill kulhadd li kien fis-sakra, (ara foll 258);*
*"17.3.4. Jaqbad pixxispad ta' daqs kospikwu ma habib tieghu (ara foll 260 u 265);*
*"17.3.5. Izomm alonga imdaqsa minn denba b'id wahda, (ara foll 263 u 270);*
*"17.3.6. Isostni li kien ghajjien wara erbat ijiem jiekol, jixrob u jistad, (ara foll 267 u 275);*
*"17.3.7. Qieghed wiehed u ghoxrin mil il-boghod minn Malta fid-dghajsa tieghu b'alonga f'idejh, (ara foll 270);*
*"17.3.8. Jaqbad record t'erbgha u ghoxrin alonga f'gurnata wahda, (ara foll 273);*

*"Ikkunsidrat:*

*"18.0. Illi minn ezami tas-suespost jirrizulta sintetikament is-segwenti:*

*"18.1. Illi jezisti kuntrast kbir bejn dak allegat mir-rikorrenti li minhabba x-xoghol tieghu:*
*"18.1.1. Qed ibghati b'dizabilita` permanenti ta' hamsa u hamsin fil-mija, (55%); u*
*"18.1.2. Hu kostrett jibqa` d-dar ma johrogx;*

*"u dak rizultanti mill-profil fuq indikat fejn ir-rikorrenti jidher:*

*"18.1.3. Jistad fl-eqqel tas-sajf ghal granet shah;*
*"18.1.4. Jerfa` hut b'id wahda ta' piz kospikwu;*

*"18.1.5. Jaqbad pixxispad kbir u jtellghu mill-bahar ma persuna ohra;*

*"18.2. Illi tali kuntrast komportamentali ma jimmilitax favur ir-rikorrenti stante li id-divarju bejn dak li jsostni u dak li jirrizulta ppruvat minn kliemu stess u mir-ritratti li hu stess ippubblika fil-profil tieghu, hu vergognozament kontrastanti;*

*"18.3. Illi di piu`, l-esperti medici ex parte jistqarru bil-gurament li ma kienux f'posizzjoni jghidu x'ikkawza l-ugiegh li r-rikorrenti kien qed jindikalhom, (ara foll 203 u 220), hi difficli tispjega, (ara foll 219), u l-aktar li tigri hi li tigi riskontrata wara incident, (ara foll 219);*

*"18.4. Illi jigi sottolineat li r-rikorrenti ma irnexxilux jindika incident skatenanti kif indikat mill-espert ex parte minnu stess prodott;*

*"Ikkunsidrat:*

*"19. Illi ghalhekk din il-qorti mhix sodisfatta li r-rikorrenti rnexxielu jipprova l-allegazzjoni principali tieghu li l-kawza ta' dan kollu kien l-impjieg tieghu;*

*"20. Illi di piu`, jirrizulta assodat, kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, li l-intimati pprovdew l-ilbies protettiv necessarju ghax-xoghol in dizamina;*

*"Ikkunsidrat:*

*"21. Illi aktar min hekk, meta r-rikorrenti kien qed isostni mat-tobba li kien qed imur ghandhom ghall-kura u biex jinducihom jirrilaxxawlu certifikat ta' dizabilita` permanenti, fl-istess hin kien qed jezercita ruhu b'mod impressjonanti fuq il-bahar ghal granet shah*";

5. Illi l-attur (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "l-appellant") appella mill-imsemmija sentenza b'Rikors tal-Appell tal-4 ta' Mejju, 2015, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata li minnha ressaq l-appell, tilqa' l-aggravji tiegħu, filwaqt li tikkonferma għal kollox id-deċiżjoni (provvediment) mogħtija minn din il-Qorti fl-1 ta' Diċembru, 2008, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellati, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellati;

6. Illi permezz ta' Risposta tas-26 ta' Mejju, 2015, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-appellati warrbu l-aggravji kollha mressqa mill-appellant, u saħqu li l-appell għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż;

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell magħmula mid-difensuri tal-partijiet waqt is-smigħ tat-30 ta' Ġunju, 2020, f'liema data ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

9. Din hija azzjoni għal danni mġarrba minn impjegat waqt li kien qiegħed jaqdi dmirijietu fuq il-post tax-xogħol. L-appellant jgħid li għandu ċertifikat mediku li juri li huwa jbati minn debilita` li ma tgħaddix u din il-ħsara ġrat minħabba li min kien iħaddmu naqas li jara li jqiegħdu jaħdem f'ambjent ta' xogħol imħares mill-periklu u mill-korriment. Jixli lill-appellati bi traskuraġni u b'nuqqas ta' tħaris ta' regolament tas-saħħa u tas-siġurta` fuq il-post tax-xogħol u għalhekk jgħabbihom bil-ħtija għal dak li ġralu. Għal dan qed jitlob kumpens. L-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet fil-mertu mressqa mill-appellati, u ċaħdet it-talbiet tal-appellant;

10. Illi l-appellant qajjem **tliet aggravji** mis-sentenza appellata: li (i) l-ewwel Qorti żbaljat meta naqset li tqis l-obbligu mpost mil-liġi fuq l-appellati, bħala l-prinċipal tiegħu, li jipprovdu kundizzjonijiet u għodda tajba biex iħarsulu saħħtu waqt ix-xogħol; (ii) l-ewwel Qorti naqset li tqis l-aġir tal-appellati li talbuh jirriżenja mill-impjieg minflok sabulu xogħol ieħor meta talabhom dan wara li nqala' l-korriment; u (iii) l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti meta semmiet ċirkostanzi li jlumu l-qagħda medika li huwa jgħid li kien ibati minnha fiż-żmien rilevanti u sal-lum;

11. Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis l-imsemmija aggravji, jidhrilha li jkun xieraq li tindirizza l-kwistjoni taż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari li qajmu l-appellati sa mill-bidu tal-kawża. Dan qiegħed jissemma għaliex, għalkemm fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata ewwel Qorti tgħid li laqgħet "it-talbiet kollha tal-intimati *proprio et nomine*", jidher ċar li dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata dawk l-istess eċċezzjonijiet preliminari ma kinux għadhom fis-seħħ, fid-dawl tal-ordni li l-istess Qorti kienet tat fil-provvediment tagħha tat-3 ta' Ġunju tal-2008[1]. L-appell imressaq mill-imħarrkin mill-imsemmi provvediment ma kienx intlaqa' minn din il-Qorti (diversament komposta) b'deċiżjoni mogħtija fl-1 ta' Diċembru, 2008[2]. Dan ifisser li l-mertu taż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari (komuni) mqajma mill-appellati kien eżawrit. Fl-appell tiegħu tal-lum, l-

[1] Paġ. 94 tal-proċess
[2] Paġġ. 118 – 9 tal-proċess

appellant talab li din il-Qorti tikkonferma dik id-deċiżjoni. Din il-Qorti tqis li ma hemm lok għall-ebda provvediment ulterjuri f'dan ir-rigward;

12. Illi **l-ewwel aggravju** jolqot il-mertu proprju tal-kawża, għaliex imiss il-kwistjoni tar-responsabbilita` ta' min iħaddem. L-appellant jgħid li l-ewwel Qorti naqset meta ma sabetx lill-appellati responsabbli talli ma ħarsux ir-regolament tas-saħħa u tas-siġurta` fuq il-post tax-xogħol. Jgħid li mill-provi jirriżulta li l-appellati bdew jipprovdu tagħmir u lbies xieraq biss wara li għamel żmien nieqes mix-xogħol u wara li kien ilu żmien jilmenta magħhom biex jagħtuh ilbies xieraq għall-ambjenti kesħin li kien mitlub jaħdem fihom;

13. Illi l-appellati jilqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li l-appellant naqas li jġib il-prova ta' dak li jixlihom bih. Jgħidu wkoll li n-nuqqas jew negliġenza tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam is-saħħa u s-siġurta` fuq il-post tax-xogħol ma toħroġ bl-ebda mod mill-atti tal-kawża. Għall-kuntrarju, intwera li huma kienu jipprovdu lill-appellant u lil sħabu u 'l dawk li kienu taħtu b'kull ma kien meħtieġ biex ma jkorrux. Josservaw li f'dan l-aggravju l-appellant ma jsemmi xejn dwar il-kwistjoni tal-grad ta' debilita` li kien jgħid li ngħatalu fiċ-ċertifikat mediku maħruġ mill-konsulent *ex parte*[3];

[3] Ara Dok "AGD1", f'paġ. 221 tal-proċess

14. Illi hija regola ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilita` fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li n-nuqqas li l-impjegat jilmenta minnu ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa[4] u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta` tal-ħaddiem[5];

15. Illi huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni[6]. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dik is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi[7];

16. Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbilita` fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-

---

[4] Art. 6(2) tal-Kap 424
[5] Art. 6(3) tal-Kap 424
[6] Kumm. JH **9.9.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Borġ vs George Wells et noe*** (mhix pubblikata)
[7] P.A. **10.10.1980** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Fino*** (mhix pubblikata)

sigurta` tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq[8], u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu sa fejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti[9] u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel[10]. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru[11];

17. Illi dan kollu juri li r-responsabbilita` tal-imgħallem mhijiex waħda li tabilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "*strict liability*"). Għalkemm hija responsabbilita` li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[12], ma titlobx grad ogħla ta' responsabbilita`, u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew iġib ruħu kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel[13];

---

[8] Art. 7(1) tal-Kap 424
[9] Art. 7(2) tal-Kap 424
[10] P.A. RCP **30.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd***
[11] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.***
[12] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[13] App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd.***

18. Illi biex isir stħarriġ xieraq tal-ilment tal-appellant, jeħtieġ li l-Qorti tqis l-ambjent kollu tal-post tax-xogħol[14], jiġifieri mhux biss it-tagħmir jew l-impjant li fuqu jew bih ikun qiegħed jitwettaq ix-xogħol magħżul, imma saħansitra l-mod kif ikun qed jitwettaq ix-xogħol u l-ambjent li fih il-ħaddiem involut ikun tqiegħed jaħdem mill-imgħallem tiegħu;

19. Illi fil-każ tal-lum mhux kontestat illi l-appellant kien jaqdi dmiru kif ordnat[15]. Xogħol l-appellant kien jinvolvi ġarr ta' oġġetti, ġiri fuq barra ġo trakk, u dħul u ħruġ ġo u minn kamra tal-friża ("*cold room*") b'qabżiet sostanzjali ta' temperatura. It-temperatura fil-friża kienet tkun ta' mhux anqas minn 18-il grad taħt iż-żero ċentigradi[16];

20. Illi mill-atti jirriżultaw xhieda konfliġġenti dwar it-tagħmir u t-taħriġ li kien provdut mill-appellati dwar is-saħħa u sigurta` fuq il-post tax-xogħol;

21. Illi l-appellant jgħid li l-appellati provdew ġakketta waħda biss li kellha tintuża minn kull min ried jidħol ġol-kamra tal-friża, u li l-istess ġakketta ma kinetx tajba biżżejjed kontra l-kesħa qawwija. Jgħid ukoll li minn jeddu kien jilbes barnuża f'rasu, iżda ġie mwaqqaf milli jilbisha għaliex ma kinetx parti mill-uniformi[17]. Itenni li l-appellati naqsu li

[14] App Ċiv. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Christian Buġeja vs Dr Gerald Montanaro Gauċi noe***

[15] Ara x-xhieda ta' Mark Degray u Patrick Busuttil f'paġġ. 229 u 347 tal-proċess

[16] Ara x-xhieda ta' l-attur f'paġ 137 tal-proċess u dik ta' Mark Degray f'paġ. 230 tal-proċess

[17] Ara l-affidavit tal-attur f'paġ. 138 tal-proċess u x-xhieda tiegħu fil-kontro-eżami f'paġ. 238 tal-proċess

jipprovdu meżż kif l-oġġetti tqal setgħu jinġarru[18], u li l-appellati ma kinux jipprovdu taħriġ fuq saħħa u sigurta` fuq il-post tax-xogħol;

22. Illi min-naħa l-oħra, l-appellati jgħidu li l-kumpannija kienet tipprovdi lill-impjegati tagħha ġakketta bil-barnuza apposta biex tilqa' l-kesħa, ingwanti, beritta, u saħansitra kalzetti ħoxnin għal min jitlobomlha. Jgħidu li kien hemm aktar minn ġakketta waħda disponibbli, tant li, minn żmien għal żmien, il-ġkieket kienu joħduhom biex jinħaslu u jibdluhom b'oħrajn minflokhom. Id-dħul fil-kamra tal-friża – li kienet ta' dimensjonijiet żgħar – kien limitat għall-ħin biex jinħareġ jew jiddaħħal l-ikel imħejji għal fuq l-ajruplani fuq *trays*, iżda l-istivar u t-tħejjija tal-istess ikel ma kienx ikun f'dik il-kamra, imma f'imkien ieħor imsejjaħ "*long room*" li kien ambjent b'temperatura ambjentali[19]. Jirriżulta minn xhieda oħra li seta' kien minnu li, għal xi żmien, il-kumpannija appellata kienet tipprovdi ġakketa waħda li tintlibes minn kull min ikollu jidħol fil-friża, iżda maż-żmien din is-sitwazzjoni inbidlet. Tgħid ukoll li l-kumpannija appellata kellha spetturi responsabbli mill-ispezzjonijiet marbuta mas-saħħa fuq il-post tax-xogħol u għandha taqsima responsabbli mill-indafa li kienet tagħmel ukoll spezzjonijiet b'mod regolari. Illi t-*trays* li l-appellant kien jintalab iġorr kienu żgħar ta' anqas minn 10 kilogrammi[20]. Rigward it-taħriġ, l-appellati jgħidu li dan kien jingħata b'mod regolari u li l-appellant attenda għalih[21];

---

[18] Ara l-affidavit tal-attur f'paġ. 137 tal-proċess
[19] Ara x-xhieda ta' Mark Degray f'paġ. 230 tal-proċess
[20] Ara x-xhieda ta' Patrick Busuttil f'paġġ. 348 u 349 tal-proċess
[21] Ara x-xhieda ta' Mark Degray f'paġ. 230 tal-proċess

23. Illi huwa stabbilit li f'każ fejn qorti jkollha quddiemha verżjonijiet li ma jaqblux ma' xulxin, jibqa' dejjem prinċipju tad-dritt li l-parti attriċi f'kawża għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka[22]. Imma l-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha[23];

24. Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[24], u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[25]. Jiġri li mhux rari li ż-żewġ partijiet iressqu verżjonijiet għal kollox konfliġġenti ma' xulxin b'mod li l-waħda xxejjen għal kollox lill-oħra, iżda li t-tnejn jistgħu jitwemmnu, allura qagħda bħal din tgħin lill-parti mħarrka, fuq il-bażi tar-regola li *onus incumbit ei qui dixit*[26] u tar-regola proċedurali l-oħra li timxi

---

[22] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***
[23] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[24] Art. 562 tal-Kap 12
[25] Art. 559 tal-Kap 12
[26] P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***

magħha li *actore non probante reus absolvitur*[27]. Iżda, hawn ukoll, mhux kull konflitt fil-provi jew verżjonijiet imressqa quddiem qorti għandhom iwasslu għaċ-ċaħda tat-talbiet attriċi, għaliex il-kriterju li jsegwi l-ġudikant irid ikun dak li jqis jekk, fid-dawl tal-provi mressqa, verżjoni waħda jistax joqgħod fuqha aktar mill-oħra[28];

25. Illi huwa magħruf ukoll li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli[29]. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, il-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha w li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju. Fit-twettieq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwistjoni mressqa quddiemha[30]. Fuq kollox, dak li jgħodd f'kawża mhuwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "*il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f'kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' oħra, imma*

[27] P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Log. Kurunell Gustav Caruana pro et noe vs Air Supplies & Caternig Co Ltd***
[28] Maġ. (Għ) AE **18.4.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***John Baptist Spiteri vs Michael Calleja*** (mhix appellata)
[29] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[30] App. Inf. **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et***

*jiġi prodott biex jgħid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha*"[31];

26. Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħal ma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu kienu involuti magħhom ikunu ta' bilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Huwa għalhekk id-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet[32];

27. Illi mix-xhieda li ressqu l-partijiet, b'kull parti tmieri u tagħmel ħilitha biex twaqqa' dak li tgħid il-parti l-oħra, u meta wieħed iżomm quddiem għajnejh li bilkemm tressqet xhieda barranija li tista' ssaħħaħ jew iddgħajjef it-teżi tal-appellant, il-Qorti tasal għall-istess fehma li waslet għaliha l-ewwel Qorti li ma tistax toqgħod fuq ix-xhieda tiegħu. Tqis għaldaqstant li l-appellant naqas li jipprova kif imiss il-premessa tiegħu dwar ir-responsabbilita` kontra l-appellati u għalhekk, wisq anqas il-ħtija tagħhom għal dak li jgħid li ġarrab;

28. Illi l-Qorti mhux ser tieqaf hawn. Tqis ukoll li hemm element ferm aktar siewi li għandha tagħtih piż, u li fil-fehma tagħha jimxi id f'id mal-

---

[31] App. Ċiv. **19.6.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi et***

[32] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Galea vs Ġużeppi Galea*** (mhix appellata)

ħtieġa li l-parti attriċi trid turi biex issejjes il-każ tagħha fuq ir-responsabbilita` tal-appellat bħala l-imgħallem tal-appellant. Dan huwa l-element tal-kawżalita` bejn dak li l-appellant jgħid li għaddej minnu (l-uġiegħ qawwi u persistenti f'dahru) u r-rabta tiegħu ma' ċirkostanza speċifika fuq il-post tax-xogħol. Dan huwa element essenzjali f'kull azzjoni mibnija fuq il-ħtija, u li kien jitlob mill-appellant li juri li dak l-uġiegħ li wasslu biex jiġi ċċertifikat b'diżabbilita` huwa fil-fatt dovut għall-istess nuqqasijiet li l-appellant jilmenta minnhom fil-konfront tal-appellati;

29. Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu[33] l-appellant itenni dak li qal fir-rikors promotur dwar x'kienu, skont hu, ir-raġunijiet li wasslu għall-kundizzjoni tiegħu u x'wassal għat-tgħarriq ta' saħħtu. Huwa jsemmi t-tqandil ta' ħwejjeġ tqal u l-kesħa tal-friża li kellu jidħol fiha minn ħin għal ieħor. Fl-istess waqt, meta nħareġ iċ-ċertifikat mediku mill-konsulent tiegħu *ex parte* (liema ċertifikat sar seba' snin wara li l-appellant kien spiċċa mix-xogħol u madwar tliet snin wara li kien fetaħ din il-kawża), tressqu provi li fl-istess żmien juruh iqandel piżijiet mhux traskurabbli bla tbatija u bla ma jweġġa';

30. Illi minn eżami b'reqqa tal-atti, għal darb'oħra, din il-Qorti ma tasalx għal konvinċiment li d-debilita` fl-appellant hija r-riżultat ta' rabta kawżali bejnha u n-nuqqasijiet li jilmenta minnhom fuq il-post tax-xogħol. Fil-fatt,

[33] Paġ. 379 tal-proċess

ħadd mill-esperti mediċi ma jaf bis-sewwa x'seta' ikkawża l-uġiegħ li l-appellant jilmenta minnu. Kull dijanjożi ma tatx tweġiba univoka, u l-espert *ex parte* mqabbad mill-appellant ma jidhirx li ħasibha darbtejn biex iqis li l-grad ta' debilita` determinat minnu fiċ-ċertifikat mediku kien wieħed soġġettiv[34]. Il-kawża vera tal-qagħda tal-appellant setgħet kienet xi ħaġa għal kollox barranija mix-xogħol li kien jagħmel. Jirriżulta li l-appellant qagħad għal numru ta' eżamijiet mediċi, uħud minnhom ta' xejra mtennija u mirquma, iżda l-kawża tal-uġiegħ baqgħet ma rriżultatx;

31. Illi għaldaqstant ma jistax jingħad li d-diżabilita` li l-appellant ġie ċċertifikat biha hija għaliex l-appellati naqsu li jipprovdu tagħmir jew ilbies protettiv kif imiss jew minħabba xi nuqqas ta' superviżjoni jew nuqqas ta' tagħrif dwar is-saħħa u sigurta` fuq il-post tax-xogħol, kif qed jilmenta minnu l-appellant taħt dan l-aggravju;

32. Illi għaldaqstant, għal raġunijiet anke jekk differenti min dawk li waslet għalihom l-ewwel Qorti, din il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju mhux mistħoqq u mhux sejjer jintlaqa';

33. Illi dwar it-**tieni aggravju** l-appellant jgħid li l-ewwel Qorti ma qisitx il-fatt li huwa kien imġiegħel jirtira mill-impjieg tiegħu mill-prinċipal tiegħu wara li ma tax widen għall-bosta talbiet tiegħu biex jibdillu l-post tax-

[34] Xhieda tal-Konsulent kirurgu Anthony Galea Debono f'paġ. 220 tal-proċess

xogħol. Huwa jgħid li, effettivament, tkeċċa mill-impjieg b'dak li huwa magħruf bħala "*constructive dismissal*" u għalhekk l-impjieg intemmlu bi ksur tal-liġi;

34. Illi l-appellati jwarrbu dan l-aggravju billi jgħidu li qatt qabel fl-atti tal-kawża ma kien issemma dan l-ilment u jargumentaw li b'dan l-aggravju l-appellant qiegħed ibiddel il-bażi li fuqha jsejjes il-każ tiegħu. Minbarra dan, iqajmu l-mistoqsija għaliex, jekk inhu minnu li l-appellant iħoss li tkeċċa mill-impjieg bi ksur tal-liġi, ma fetaħx il-każ quddiem it-Tribunal Industrijali jew għalfejn ma semma l-ebda tip ta' danni dwar pagi mitlufa fil-prospett imressaq minnu fl-atti ta' din il-kawża;

35. Illi l-Qorti hija tal-fehma li ma tistax tqis dan l-aggravju. Dan tgħidu għal żewġ raġunijiet. Fl-ewwel lok, kif sewwa jgħidu l-appellati, din hija l-ewwel darba li l-appellant jallega t-tkeċċija inġusta mix-xogħol tiegħu. Dan huwa appell mis-sentenza appellata u din il-kwistjoni bl-ebda mod ma tressqet quddiem l-ewwel Qorti sa ma tat dik is-sentenza. Xogħol din il-Qorti huwa dak li tirrevedi d-deċiżjonijiet tal-qrati tal-ewwel grad skont ma jkunu iddeċidew fis-sentenzi tagħhom u mhux mogħti li parti tqajjem bħala aggravju f'appell xi kwistjoni li ma tkunx tqajmet quddiem il-qorti li minnha jsir l-appell[35]. Fit-tieni lok, tqum ukoll kwistjoni ta' kompetenza

[35] App. Ċiv. **25.6.1951** fil-kawża fl-ismijiet ***Tagliaferro noe vs Ċini*** (Kollez. Vol: **XXXV.i.160**)

*ratione materiae* għaliex il-liġi trid[36] li kwistjonijiet dwar tkeċċija inġusta mill-impjieg jaqgħu fil-ġurisdizjoni esklużiva tat-Tribunal Industrijali. Imkien fl-atti ma jidher li l-appellant kien nieda proċeduri fis-sedi xierqa biex jattakka s-siwi t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg li kellu mal-appellata. Fit-tielet lok, ukoll kieku dan l-aggravju kien jista' jitqies, jidher li bis-saħħa tiegħu l-appellant qiegħed jibdel is-sisien li fuqhom ressaq l-azzjoni tiegħu u ħaġa bħal din m'għandhiex titħalla ssir bla ma tikser il-jedd tal-parti l-oħra għall-benefiċċju tal-eżami fiż-żewġ istanzi u bla ma tikser ir-regola *electa una via non datur recursus ad alteram*;

36. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, dan l-aggravju mhux se jintlaqa';

37. Illi fit-**tielet aggravju** l-appellant iqajjem l-argument tal-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti ta' provi marbuta ma' attivita` tiegħu ta' sajd u ma' safar fiż-żmien li huwa jgħid li ma kienx jiċċaqlaq mid-dar minħabba l-uġiegħ persistenti li kien ibati minnu[37]. Huwa jgħid li l-provi li l-ewwel Qorti qagħdet fuqhom jirreferu għal żmien meta ma kienx għadu ntlaqat mill-qagħda ħażina ta' saħħtu u tqiesu barra mill-kuntest tagħhom;

---

[36] Art. 75(1)(a) tal-Kap 452

[37] Ara Dok "CPH1" f'paġġ. 243 sa 343 tal-proċess

38. Illi għal dan l-aggravju l-appellati jilqgħu billi jgħidu li l-imsemmija provi jgiddbu lill-appellant dwar l-ilmenti li jsemmi f'saħħtu u t-tbatija li jgħid li se jibqa' jġarrab għall-ġejjieni;

39. Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti m'għandhiex wisq x'iżżid. Tgħid biss li l-osservazzjonijiet magħmulin dwar l-ewwel aggravju[38] kienu biżżejjed biex iwasslu għaċ-ċaħda tal-pretensjonijiet attriċi fuq l-aspett tal-ħtija tal-appellati f'dak li l-appellant jgħid li ġralu. Madankollu, il-provi li jsejsu dan l-aggravju jidher li laqtu sewwa l-ġudizzju magħmul mill-ewwel Qorti wkoll fir-rigward ta' kemm wieħed kellu joqgħod fuq ix-xhieda tal-appellant (kwistjoni ta' affidabilita`). Din il-Qorti ssib li dak l-apprezzament ma kienx wieħed barra minn loku u ma hemmx dubju li kellu s-sehem tiegħu biex jitqies jekk l-appellant seħħlux jew le jipprova l-każ tiegħu. Ċertu tagħrif li joħroġ minn dawk il-provi u ż-żmien li fih jidher li nħalqu, juru li dak li l-appellant jgħid li kien għaddej minnu f'ċertu żmien (fil-mori tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti) kien kontra dak li kien qed jallega fil-provi dokumentali l-oħrajn li kien qiegħed iressaq;

40. Illi għalhekk, lanqas dan l-aggravju ma huwa tajjeb u mhux sejjer jintlaqa';

---

[38] §§ 12 sa 31 *supra*

**Decide**

41. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** u tikkonferma s-sentenza appellata tas-16 ta' April, 2015, fl-ismijiet premessi, bl-**ispejjeż ta' dan l-appell** ukoll jitħallsu mill-appellant, b'dan illi l-ispejjeż marbuta mal-provvediment mogħti minn din il-Qorti fl-1 ta' Diċembru, 2008, jitħallsu mill-appellati kif hemm ordnat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb